**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Revoka Nru: 90/2022 AF**

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 108/22 fl-ismijiet:

**Giuseppe D'Ascari u Gabriella Serra**

**vs**

**Nathalie Borg Cortis u ghal kull interess li jista' jkollu**
**Josef Borg Cortis**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Nathalie Borg Cortis u ghal kull interess li jista' jkollu Josef Borg Cortis, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi a bazi tal-artikolu 836(d) u/jew 836(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontra s-sekwestranta s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Giuseppe D'Ascari u Gabriella Serra li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra huma talbu li din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti odjerni sekwestrati.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi permezz tar-rikors odjern, Nathalie Borg Cortis u Joseph Borg Cortis qed jitolbu lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghhom minn Giuseppe D'Ascari u Gabriella Serra sabiex dawn tal-ahhar jikkawtelaw pretensjoni taghhom ghar-rifuzjoni ta' parti mill-prezz imhallas minnhom fuq bejgh ta' mmobbli li jallegaw ghandu difetti latenti.

Ir-rikorrenti l-ewwel ma jsejjsu t-talba taghhom huwa fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu minnhom citat, cioè l-Art. 836(1)(d) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat jekk l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* gustifikat jew hux eccessiv.

Fil-provvediment taghha tal-10 ta' Mejju 2001 fil-provvediment "Joseph Camilleri et vs Anthony Gové et" din il-Qorti diversament presjeduta rrilevat illi:

> *"mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni*

*sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".*

*"Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fil-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mill-ligi sakemm il-kwestjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu."* – Theresa Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart (29 ta' Lulju 2005).

Huwa ritenut fil-kuntest illi:

*"Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li l-intimata ezekutanti ghandhiex bazi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakem il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti[1]."* – (Mercieca vs Galea – 29 ta' Novembru 2001).

Huwa mghallem ukoll illi:

*"biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bhala wiehed "eccessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mahsub li jhares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u c-cirkostanzi tal-kaz ma jistghux izewgu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit oghla minn dak li, mad-daqqa t'ghajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors ghat-thassir tal-Mandat li jkun izda, l-izjed, ghat-*

[1] Ara P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Mercieca** vs **George Galea**

*tnaqqis tal-ammont sekwestrat*[2]*."* – (Farrugia vs Exalco Holdings Ltd).

Fil-proceduri Taormina Holdings vs Biochemical International Limited, il-Qorti sostniet illi:

*"Ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skond il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikkonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lir-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat."* (ara: "Taormina Holdings Ltd vs Biochemicals International Ltd" - (PA/GCD – 30 ta' Ottubru 2003).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ssib illi fil-kaz in ezami, Josef Borg Cortis ghandu ragun isostni illi huwa m'ghandux ikun kolpit bil-mandat. Jirrizulta illi huwa qatt ma deher bhala bejjiegh tal-fond *de quo*. Din il-Qorti mhijiex f'dan l-istadju ser tidhol fil-kwistjoni tal-ambigwità li tista' tirrizulta fil-kuntratt ta' akkwist fejn, rigwardanti provenjenza, jinghad illi, "they had acquired the property together ..." Ma jirrizultax car jekk "they" tfissirx is-sekwestrati flimkien jew is-sekwestrata flimkien ma' Jason Caruana. Seta' deher fuq il-kuntratt biss biex jaghti l-kunsens tieghu stante li l-fond, kien sa dak iz-zmien jintuza bhala dar matrimonjali. Mhux l-istess jista' jinghad fil-konfront ta' Nathalie Borg Cortis, li kienet hi li bieghet il-proprjetà *de quo*, u ghalhekk hija l-persuna li ghandha twiegeb ghall-allegazzjonijiet tax-xerrejja. Kif intqal aktar 'il fuq fil-fuq citata gurisprudenza, l-iskrutinju tal-allegazzjonijiet fil-fond jibqghu rizervati ghall-kawza fil-mertu.

[2] Ara, per ezempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia** noe vs **Exalco Holdings Ltd**.

Ir-rikorrenti sekwestrati jinvokaw imbaghad l-Art. 836(1)(f) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju

> *"Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *....*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Kif ribadit recentement minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet fil-proceduri Opera International Business Limited vs Norman Spiteri et (1 ta' Frar 2022).

> *"Din il-kawzali tidhol fix-xena biss jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh jew jekk il-mandat ma jkunx aktar mehtieg jew gustifikabbli. Dak li jghodd ghalhekk biex tista' tithaddem din id-dispozizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jithassar il-mandat, li wara l-hrug tal-mandat, tkun biddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' ghal kollox jew f'parti minnu fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmi* ***artikolu 836(1)(f)****, liema kliem jaghtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat, issa m'ghadux il-kaz (ara* ***Ivan John Debono v. Antoine Vella****, deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Jannar, 2021)."*

Ma ngabet lil din il-Qorti ebda hjiel ta' prova li mid-data tal-mandat sad-data tar-rikors odjern, inbiddlet xi cirkostanza li

twassal lill-Qorti ssib gustifikazzjoni fit-talba ghat-thassir tal-mandat.

Finalment ir-rikorrenti jitolbu wkoll lil din il-Qorti tapplika kontra s-sekwestranti s-sanzjonijiet kontemplati fl-Art. 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-raguni moghtija ghal din it-talba hija li skont huma, t-talba tas-sekwestranti saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja.

Dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi mposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi[3], izda bizzejjed jekk tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista' taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha[4]. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjetà fil-process gudizzjarju u biex ma thallix fl-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz[5].

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li jezistu dawk ic-cirkostanzi li trid il-ligi bi prova ta' malizzja u vessatorjetà.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba sa fejn din tolqot lil Nathalie Borg Cortis u tilqa' t-talba ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru 108/2022 fil-konfront ta' Josef Borg Cortis.

---

[3] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd vs Euro Imports Ltd**.

[4] App. Civ. **13.3.2001** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**

[5] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Borg, pro et noe vs Joseph Pace noe et**

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF